# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1157/2014

## tad-29 ta' Ottubru 2014

## li jikkoreġi l-verżjoni Slovena tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 141/2007 dwar ir-rekwiżit għall-approvazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal stabbilimenti kummerċjali tal-għalf li jimmanifatturaw jew li jqiegħdu fis-suq addittivi għall-għalf tal-kategorija "koċċidjostati u istomonostati"

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 li jistabbilixxi l-ħtiġijiet għall-iġjene tal-għalf [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tiegħu,

Billi:

(1) Fil-verżjoni tal-lingwa Slovena tar-Regolament il-Kummissjoni (KE) Nru 141/2007 [2] it-termini "l-operaturi tan-negozji tal-għalf" "l-istabbilimenti tan-negozji tal-għalf", "it-tqegħid fis-suq" u "kategorija" huma żbaljati. Għaldaqstant hemm bżonn ta' korrezzjoni fil-verżjoni tal-lingwa Slovena. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra mhumiex affettwati.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 141/2007 għandu għalhekk jiġi kkoreġut kif xieraq.

(3) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Jikkonċerna biss il-verżjoni tal-lingwa Slovena.

---

[1] ĠU L 35, 8.2.2005, p. 1.

[2] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 141/2007 ta' l-14 ta' Frar 2007 dwar ir-rekwiżit għall-approvazzjoni skond ir-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal stabbilimenti kummerċjali ta' l-għalf li jimmanifatturaw jew li jqiegħdu fis-suq addittivi għall-għalf tal-kategorija coccidiostats u histomonostats (ĠU L 43, 15.2.2007, p. 9).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO